MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2014

Avviz Numru. 148/2013

**Kummissarju tal-Artijiet**

**vs**

**Eredi ta' Baruni Testaferrata Bonici**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Anna Maria Spiteri Debono fejn esponiet illi:

1. Illi fit-30 t'April, 2013 ir-rikorrenti giet notifikata bl-anness att gudizzjarju – Dokument 'ASD' – fil-fond Aedes Danielis, Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill, Zejtun ir-residenza taghha.
2. Illi preliminarjament ir-rikorrenti tissottometti illi l-att huwa null billi:
   2.1. Id-dikjarazzjoni annessa mal-ittra ufficjali ma gietx mahlufa skond kif rikjest mill-Artikolu 466(1) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili; u
   2.2. L-att ma giex servut fuq l-ebda debitur imma fuq "Eredi ta' Baruni Testaferrata Bonici". Proceduralment kwalsiasi att ghandu jigi servut fuq persuna fisika jew dik morali.
3. Bla pregudizzju ghas-suespost it-talba tal-Kummissarju ta' l-Artijiet hija ghal kollox infondata peress illi l-fond 21, St. Angelo, Lane 3, Portions ABC, Zejtun jappartjeni lill-Abbazija ta' Sant Angelo.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost ir-rikorrenti talbet lil din il-Qorti tiddikjara illi l-proceduri intentati mill-Kummissarju tal-Artijiet huma nulli u li fi kwalunkwe kaz it-talba tieghu hija ghal kollox infondata. Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Artijiet fejn espona:

Illi huwa gie notifikat nhar l-24 ta' Mejju, 2013, b'rikors ipprezentat nhar is-16 ta' Mejju, 2013, fejn l-intimat qieghed jikkontesta l-ammont mitlub mill-esponenti.

Illi l-proprjeta' in kwistjoni kienet tappartjeni lill-Abbazija ta' Sant'Angelo li permezz tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Rosario Frendo Randon datat 13 ta' Lulju tas-sena 1962, ikkoncediet l-imsemmija proprjeta' b'titolu ta' cens perpetwu lil Baruni Lino Testaferrata Bonici.

Illi, sussegwentement, permezz tal-ftehim iffirmat bejn il-Gvern ta' Malta u s-Santa Sede li dahal fis-sehh fl-1993 (illum transpost fil-Kapitolu 358 tal-Ligijiet ta' Malta), l-imsemmija proprjeta' u kull dritt pertanenti ghaliha gie transferit lill-Gvern ta' Malta.

Illi ghalhekk l-ammont kif pretiz mill-esponenti, ai termini l-ittra gudizzjarja tal-25 ta' April, 2013, huwa kollu dovut kif ser jirrizulta waqt il-provi, ghalhekk il-pretensjonijiet tal-intimat huma nfondati fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda.

Ghaldaqstant ir-ragunijiet suesposti, din il-Qorti, m'ghandhiex tilqa' t-talba tal-intimat, u ghalhekk tikkundannah ihallas l-ammont kif pretiz, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Rat li fis-seduta tal-11 ta' Gunju, 2014, Dottor Francesca Zarb ghall-Kummissarju tal-Artijiet, intimat ivverbalizzat li qed taqbel mas-sottomissjoni tar-rikorrenti li l-att li sar ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 huwa null.

Ghaldaqstant, il-Qorti qed tilqa' l-ewwel sottomissjoni tar-rikorrenti Anna Maria Spiteri Debono u tiddikjara li l-ittra ufficjali datata 25 ta' April 2013 mibghuta mill-Kummissarju tal-Artijiet lill-Eredi ta' Baruni Testaferrata Bonici, ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta hija nulla u bla effett, bl-ispejjez kontra l-istess Kummissarju tal-Artijiet.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------